32005D0324

L 104/42 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 23.4.2004

# ID-DEĊIŻJONI NRU 200

## tal-15 ta' Diċembru 2004

## dwar il-metodi ta' l-operat u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika dwar l-Ipproċessar tad-*Data* tal-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/324/KE)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI GĦALL-ĦADDIEMA MIGRANTI,

Wara li kkunsidrat l-Artikoli 81(d) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, li taħtu l-Kummissjoni Amministrattiva għandha tinkoraġġixxi u tiżviluppa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri billi timmodernizza l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari billi tadatta l-fluss ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet għall-iskop ta' skambju telematiku, b'konsiderazzjoni ta' l-iżvilupp ta' l-ipproċessar tad-*data* f'kull Stat Membru, sabiex tithaffef l-aġġudikazzjoni tal-benefiċċji.

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 117c(1) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72, li taħtu l-Kummissjoni Amministrattiva għandha tistabbilixxi u tiddetermina l-metodi ta' operat u kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika, li għandha, konformi ma' l-Artikoli 117, 117a u 117b, twassal rapporti u opinjoni raġunata qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet;

B'konsiderazzjoni tal-konsegwenzi tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 dwar it-tħaddim tal-Kummissjoni Teknika;

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti tistabbilixxi l-Kummissjoni Teknika dwar l-Ipproċessar tad-*Data* stipulata fl-Artikolu 117c(1) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72. Din għandha tissejjaħ "il-Kummissjoni Teknika".

2. Il-Kummissjoni Teknika għandha jkollha l-funzjonijiet stipulati fl-Artikolu 117c(2) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72.

3. Il-mandat fir-rigward ta' l-inkarigi speċifiċi tal-Kummissjoni Teknika għandu jkun stabbilit mill-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti, li tista' temenda dawn l-inkarigi kif meħtieġ.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni Teknika għandha tadotta r-rapporti u l-opinjonijiet raġunati tagħha fejn hemm bżonn fuq bażi ta' dokumenti u studji tekniċi. Hi tista' titlob mill-amministrazzjonijiet nazzjonali kwalunkwe informazzjoni li tqis neċessarja għat-twettiq xieraq ta' l-inkarigi tagħha.

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni Teknika għandha tkun komposta minn żewġ membri minn kull Stat Membru, li wieħed minnhom għandu jkun nominat bħala l-membru permanenti, filwaqt li l-ieħor ikun appuntat bħala d-deputat tiegħu. In-nomini minn kull Stat Membru għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Amministrattiva mir-rappreżentant tal-gvern għall-Istat Membru fil-Kummissjoni Amministrattiva.

2. Ir-rapporti u l-opinjonijiet raġunati għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-membri kollha tal-Kummissjoni Teknika, b'kull Stat Membru jkollu vot wieħed li għandhu jintefa' mill-membru permanenti jew fl-assenza tiegħu mid-deputat tiegħu. Ir-rapporti jew opinjonijiet raġunati tal-Kummissjoni Teknika jridu jindikaw jekk intlaħqux b'unanimità jew b'maġġoranza sempliċi. Huma jridu, jekk ikun hemm minoranza, jistabbilixxu konklużjonijiet jew riservi tal-minoranza.

3. Rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jew persuna maħtura minnu għandha taġixxi f'kapaċità konsultattiva fi ħdan il-Kummissjoni Teknika.

*Artikolu 4*

Il-kariga ta' *Chairman* tal-Kummissjoni Teknika għandha tinżamm kull sitt xhur jew mill-membru permanenti inkella minn uffiċjal maħtur ieħor li jappartieni għall-Istat li r-rappreżentant tiegħu fil-Kummissjoni Amministrattiva jkollu f'idejh il-kariga ta' *Chairman* ta' dik il-Kummissjoni tul l-istess perjodu. Iċ-*Chairman* tal-Kummissjoni Teknika għandu jirrapporta fuq l-attivitajiet tal-Kummissjoni Teknika kif mitlub miċ-*Chairman* tal-Kummissjoni Amministrattiva.

*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni Teknika tista' tistabbilixxi gruppi ta' ħidma *ad-hoc* sabiex jikkunsidraw kwistjonijiet speċifiċi. Il-Kummissjoni Teknika għandha tiddeskrivi l-kompiti li jridu jitmexxew 'il quddiem minn tali gruppi ta' ħidma, l-iskeda ta' żmien għat-twettiq ta' dawk l-inkarigi u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' l-azzjoni tagħha fil-Programm ta' Ħidma msemmi fl-Artikolu 7.

*Artikolu 6*

Is-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva għandu jipprepara u jorganizza l-laqgħat tal-Kummissjoni Teknika u jħejji l-minuti tagħhom.

*Artikolu 7*

Il-Kummissjoni Teknika għandha tissottometti programm dettaljat ta' ħidma lill-Kummissjoni Amministrattiva għall-approvazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni Teknika għandha wkoll tirrapporta kull sena, lill-Kummissjoni Amministrattiva, dwar l-attivitajiet u l-kisbiet tagħha b'relazzjoni mal-programm ta' ħidma u kwalunkwe proposti biex dan jiġi emendat.

*Artikolu 8*

Kwalunkwe azzjoni proposta mill-Kummissjoni Teknika li tinvolvi spejjeż li jridu jinħarġu mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija suġġetta għall-approvazzjoni tar-rappreżentant ta' dik l-istituzzjoni.

*Artikolu 9*

Il-lingwi tal-Kummissjoni Teknika għandhom ikunu l-istess bħal dawk rikonoxxuti bħala lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità skond l-Artikolu 290 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

*Artikolu 10*

Ir-regoli supplimentari stipulati fl-Anness mehmuż għandhom japplikaw ukoll għall-Kummissjoni Teknika.

*Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu post id-Deċiżjoni Nru 169 tal-11 ta' Ġunju 1998 tal-Kummissjoni Amministrattiva.

*Artikolu 12*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Hi għandha tapplika mill-1 ta' Marzu 2005.

*Iċ-Chairman tal-Kummissjoni Amministrattiva*

C.-J. VAN DEN BERG

*ANNESS*

**REGOLI SUPPLIMENTARI TAL-KUMMISSJONI TEKNIKA**

1. **Attendenza fil-laqgħat**

(a) Jekk iċ-*Chairman* fil-kariga hu prevenut milli jattendi xi laqgħa tal-Kummissjoni Teknika, id-deputat tiegħu għandu jaġixxi bħala *Chairman*.

(b) Il-membri jistgħu jkunu akkumpanjati fil-laqgħat tal-Kummissjoni Teknika minn espert jew esperti addizzjonali fejn dan hu neċessarju minħabba n-natura tas-suġġetti li jkunu jridu jiġu ttrattati. Kull delegazzjoni tista', bħala regola, tikkonsisti minn mhux aktar minn erba' persuni.

(c) Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jew membru tas-Segretarjat jew kwalunkwe persuna oħra nnominata mis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Amministrattiva għandha tattendi l-laqgħat kollha tal-Kummissjoni Teknika jew il-gruppi ta' ħidma *ad hoc* tagħha. Dawk il-laqgħat jista' aktar minn hekk jattendi għalihom, fejn dan huwa rilevanti għall-kwistjoni li tkun trid tiġi ttrattata, rappreżentant ta' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

2. **Votazzjoni**

(a) Meta membru permanenti tal-Kummissjoni Teknika jkollu f'idejh il-kariga ta' *Chairman*, id-deputat tiegħu għandu jivvota minfloku.

(b) Kwalunkwe membru preżenti li meta jittieħed vot jastieni milli jivvota għandu jiġi mistieden miċ-*Chairman* ħalli jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex astiena.

(c) Meta l-maġġoranza tal-membri preżenti jastienu, il-proposta li tkun tpoġġiet għall-vot għandha titqies li ma ġietx ikkunsidrata.

3. **Aġenda**

(a) L-aġenda proviżorja ta' kull laqgħa tal-Kummissjoni Teknika għandha titfassal mis-Segretarjat b'konsultazzjoni maċ-*Chairman* tal-Kummissjoni Teknika. Qabel jipproponi li jinkludi punt fl-aġenda, is-Segretarjat jista',,fejn dan jidher li huwa neċessarju, jistaqsi lid-delegazzjonijiet ikkonċernati sabiex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-kitba dwar din il-kwistjoni.

(b) L-aġenda proviżorja għandha, fil-prinċipju, tinkludi punti li rikjesta għalihom sottomessa minn membru jew rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u, fejn xieraq, noti marbuta magħha, tkun waslet lis-Segretarjat ta' l-anqas 20 jum tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa.

(c) L-aġenda proviżorja għandha tintbagħat ta' l-anqas 10 ijiem tax-xogħol qabel il-bidu ta' kull laqgħa lill-membri tal-Kummissjoni Teknika, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, u kwalunkwe persuna oħra li tkun mistennija li se tattendi l-laqgħa. Id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-punti fl-aġenda għandhom jintbagħtulhom malli jkunu disponibbli.

(d) Fil-bidu ta' kull laqgħa l-Kummissjoni Teknika għandha tapprova l-aġenda tal-laqgħa. Vot unanimu tal-Kummissjoni Teknika huwa meħtieġ għall-inklużjoni fl-aġenda ta' kwalunkwe punti oħra għajr dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja. Ħlief f'każi ta' urġenza, il-membri tal-Kummissjoni Teknika jistgħu jirriservaw il-pożizzjoni finali tagħhom sal-laqgħa li jkun imiss fir-rigward ta' punti li jidhru fuq l-aġenda proviżorja li għalihom ma jkunux irċivew id-dokumenti rilevanti bil-lingwa tagħhom ħamest ijiem tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa.

4. **Gruppi Ta' Ħidma Ad-hoc**

(a) Il-gruppi ta' ħidma *ad-hoc* għandhom ikunu ppreseduti minn espert maħtur miċ-*Chairman* tal-Kummissjoni Teknika b'konsultazzjoni mar-rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jew, fin-nuqqas ta' dan, minn espert li jirrappreżenta l-Istat li r-rappreżentant tiegħu fuq il-Kummissjoni Amministrattiva jkollu f'idejh l-kariga ta' *Chairman* ta' dik il-Kummissjoni.

(b) Iċ-*Chairman* tal-grupp ta' ħidma *ad-hoc* għandu jissejjaħ għal-laqgħa tal-Kummissjoni Teknika li matulha r-rapport ta' dak il-grupp ta' ħidma *ad-hoc* ikun diskuss.

5. **Affarijiet amministrattivi**

(a) Iċ-*Chairman* tal-Kummissjoni Teknika jista' jagħti lis-Segretarjat kwalunkwe struzzjonijiet għal-laqgħat li jridu jittellgħu u għall-prestazzjoni ta' attivitajiet fil-limiti ta' l-iskop tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni Teknika.

(b) Il-Kummissjoni Teknika għandha titlaqqa' permezz ta' ittra ta' konvokazzjoni mibgħuta lill-membri u r-rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej 10 ijiem tax-xogħol qabel il-laqgħa mis-Segretarjat b'konsultazzjoni maċ-*Chairman* tal-Kummissjoni Teknika.

(c) Għandhom jittieħdu l-minuti għal kull laqgħa u dawn għandhom, fil-prinċipju, jiġu approvati fil-laqgħa li jkun imiss.